

Lussemburgu, 12 ta' Ottubru 2015
(OR. en)

12880/15

COAFR 294
RELEX 796
ACP 137
DEVGEN 181
ASIM 114
JAI 736
COPS 304
MAMA 160
COWEB 104

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 12 ta' Ottubru 2015

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 12789/15

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Migrazzjoni
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Ottubru 2015)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Migrazzjoni adottati mill-Kunsill fit-3416-il laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Ottubru 2015.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Migrazzjoni

Kunsill Affarijiet Barranin, 12 ta' Ottubru 2015

1. Il-kriżi migratorja u tar-refuġjati mingħajr preċedent li qed tiffaċċa bħalissa l-UE rat żieda qawwija ta' flussi migratorji mħallta tul il-Lvant tal-Mediterran u l-Balkani tal-Punent, b' mod parallel ma' fluss kostanti tul ir-rotta fiċ-ċentru tal-Mediterran. Il-Balkani tal-Punent ġew taħt pressjoni dejjem akbar filwaqt li sħab oħra u pajjiżi ġirien¹ tal-UE kienu qegħdin iġarrbu l-effetti tal-kriżi, b' mod partikolari l-Ġordan, il-Libanu, it-Turkija u l-Iraq, li qegħdin jospitaw il-maġġoranza l-kbira tar-refuġjati Sirjani u Persuni Iraqqini Spustati Internament.
2. Il-kriżijiet fil-viċinat tagħna u lil hinn minnu huma fil-qalba nett ta' spostament furzat, aggravati minn fatturi negattivi oħrajn bħall-faqar, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp soċjoekonomiku batut, u jikkonfermaw il-ħtieġa ta' politika esterna komprensiva u bbilanċjata għall-UE rigward il-migrazzjoni u l-asil. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta tar-RGħ/VP u l-Kummissjoni tad-9 ta' Settembru dwar "L-Indirizzar tal-Kriżi tar-Refuġjati fl-Ewropa: Ir-rwol tal-Azzjoni Esterna tal-UE", u l-azzjonijiet deskritti fiha bħala bażi għal iktar ħidma. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn sħiħ tiegħu favur id-drittijiet tal-bniedem, inkluż fir-rigward tas-sitwazzjoni tan-nisa u l-bniet kif ukoll persuni u gruppi vulnerabbli oħrajn.

¹ L-użu tat-terminu 'pajjiżi' jew 'fruntieri' fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ma jimplikax rikonoxximent tal-istatus ta' stat.

3. Il-Kunsill jikkonferma l-impenn tiegħu biex jimmobilizza l-istrumenti u l-politiki kollha xierqa kif ukoll l-isforzi ta' appoġġ biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-flussi migratorji, b' mod partikolari l-konflitti, l-instabbiltà politika, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp soċjoekonomiku batut, inkluż n-nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjieg, governanza fqira u t-tibdil fil-klima. F'dan ir-rigward, il-Kunsill ikompli jappoġġa l-inizjattivi diplomatiċi min-NU biex jinstabu soluzzjonijiet għall-konflitti fis-Sirja u l-Libja, imsejsa fuq l-isforzi tar-RGħ/VP, il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

4. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib mal-ewwel pajjiżi li jipprovdu asil, il-pajjiżi ta' orġini u dawk ta' transitu biex din l-isfida komuni tiġi indirizzata b'mod konġunt.

F'dan ir-rigward, il-Kunsill ifakkar fl-azzjonijiet meħuda mir-RGħ/VP, il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiżdied l-appoġġ għall-Ġordan, il-Libanu u t-Turkija kif ukoll għall-Balkani tal-Punent. Il-Kunsill jilqa' r-riżultati tal-Konferenza ta' Livell Għoli dwar ir-rota tal-Mediterran tal-Lvant/Balkani tal-Punent tat-8 ta' Ottubru 2015 fil-Lussemburgu, japprova d-Dikjarazzjoni tagħha u jappella għal implimentazzjoni rapida u sħiħa u segwitu tagħha.

5. Il-Kunsill jikkunsidra essenzjali li tiġi intensifikata l-kooperazzjoni bejn l-UE u t-Turkija dwar l-appoġġ għar-refuġjati u l-migrazzjoni u jistenna b'interess ftehim mat-Turkija bħala parti minn aġenda komprensiva bbażata fuq impenji reċiproċi. Il-Kunsill jappoġġa l-ħidma li għaddejja bil-għan li jiġi stabbilit Pjan ta' Azzjoni u jistenna b'interess li jiddiskutih bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwaru.

6. Il-Kunsill jilqa' d-deċiżjoni li ttieħdet biex jiżdied b' mod sostanzjali l-finanzjament tal-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE stabbilit reċentement b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana (il-"Fond Madad") b'aktar minn EUR 500 miljun f'finanzjament mill-UE sabiex jiġi segwit minn sforzi mill-Istati Membri tal-UE u pajjiżi oħra. Qed tiġi proposta l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għall-Balkani tal-Punent.

7. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li jkun hemm djalogu komprensiv mal-pajjiżi Afrikani ta' orġini u ta' transitu sabiex il-ġestjoni tal-flussi tal-migrazzjoni u l-asil issir b'mod konġunt fl-ispiritu ta' sħubija, sjieda u responsabbiltà kondiviża. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-isforzi mill-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni u l-Presidenza tal-Kunsill tal-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mar-RGħ/VP, fit-tnejn tal-ewwel Summit tal-Belt Valletta fil-11 u t-12 ta' Novembru u jħeġġeġ lil daww kollha involuti biex isibu soluzzjonijiet komprensivi u bbilanċjati u jagħmlu progress sostanzjali fl-oqsma prijoritarji kollha tal-abbozz ta' Pjan ta' Azzjoni. Il-Kunsill jistenna b'interess il-finalizzazzjoni bikrija tal-abbozz ta' Pjan ta' Azzjoni u jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni fl-ogħla livelli fuq iż-żewġ naħat.
8. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella għal impenn aktar mill-qrib mas-sħab Afrikani permezz tad-Djalogu kontinentali dwar il-Migrazzjoni u l-Mobbiltà bejn l-UE u l-Afrika, l-istrateġiji reġjonali tal-UE (is-Saħel, il-Qarn tal-Afrika, il-Golf tal-Ginea) u d-djalogi (Rabat, Khartoum) u tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou sabiex l-isfidi attwali jiġu indirizzati b'mod konġunt permezz tal-għajnuna umanitarja, il-politika tal-iżvilupp u l-għajnuna kif ukoll sforzi li għandhom l-għan li jiżguraw l-istabbiltà u t-titjib fir-reżiljenza. Huwa jilqa' wkoll il-progress li sar lejn l-istabbiliment ta' Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-istabbiltà u l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-persuni spostati fl-Afrika, u jfakkar fil-ħtieġa li jiżdied il-finanzjament tiegħu permezz ta' kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri.
9. Il-Kunsill jinkoraġġixxi d-Djalogi ta' Livell Għoli li għaddejjin bħalissa dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi ewlenin li jinsabu fir-rotot migratorji prinċipali lejn l-Ewropa kif segwiti mir-RGħ/VP u Kummissarji rilevanti oħra, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Dawn id-djalogi ta' livell għoli dwar l-aġenda ġenerali dwar il-migrazzjoni u l-asil għandhom jitwettqu fi spirtu ta' sħubija u għandhom jgħinu biex jidentifikaw l-opportunitajiet u jtejbu l-kooperazzjoni, b'mod partikolari dwar ir-riammissjoni. Għandhom jiġu mobilizzati l-istrumenti kollha biex tiżdied il-kooperazzjoni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni, biex b'hekk ir-riammissjoni tingħata post ċentrali fid-djalogi kollha mal-pajjiżi ta' orġini tal-migranti irregolari.

Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni, flimkien mas-SEAE, biex tipproponi, fi żmien sitt xhur, pakketti komprensivi u speċifiċi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġenerali ma' pajjiżi terzi sabiex ir-riammissjoni u r-ritorn jiġu implimentati b'mod effettiv. Dawn id-djalogi ser ikunu wkoll strument importanti biex tkompli l-implimentazzjoni tal-eżiti miksuba fil-Konferenza ta' Livell Għoli dwar ir-Rotta tal-Lvant tal-Mediterran/Balkani tal-Punent fil-Lussemburgu u fis-Summit tal-Belt Valletta.

F'dan ir-rigward, huwa jieħu nota b'mod partikolari tad-diskussjonijiet siewja li kellha r-RGħ/VP mal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-G5 tas-Saħel fis-17 ta' Ġunju u man-Niġer fis-17 u t-18 ta' Settembru, mas-Senegal u l-Etjopja fil-marġini tal-Assemblea Ġenerali tan-NU fi New York fid-29 ta' Settembru kif ukoll id-diskussjonijiet li ġejjin għal darb'oħra mal-Etjopja u mal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana f'Addis Ababa fl-20 ta' Ottubru.

10. Il-Kunsill jilqa' l-iskjerament rapidu ta' Uffiċjali ta' Kollegament Ewropew għall-Migrazzjoni fid-delegazzjonijiet tal-UE li ser ikun kontribut importanti għall-kooperazzjoni ma' sħab ewlenin.
11. Il-Kunsill jilqa' l-appoġġ imsaħħaħ għall-UNHCR, il-Programm Dinji tal-Ikel (WFP) u programmi u aġenziji speċjalizzati oħra kif deċiż mill-Kunsill Ewropew straordinarju tad-23 ta' Settembru. F'dan ir-rigward u kif imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Settembru, huwa jappella għat-tiġid ulterjuri tal-kooperazzjoni ma' sħab internazzjonali ewlenin u man-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-UNHCR, il-UN OCHA, il-UNDP, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet bħall-IOM u l-ICRC. F'dak ir-rigward, l-Unjoni Ewropea tappella lill-komunità internazzjonali biex iżżid l-isforzi tagħha fl-indirizzar tal-kriżi attwali.
12. Il-Kunsill itenni li l-ġlieda kontra n-netwerks kriminali ta' traffikanti u faċilitaturi ta' dħul klandestin jibqa' prijorità u jilqa' t-transizzjoni għat-tieni fażi ta' EUNAVFOR MED Operation SOPHIA fl-ibħra internazzjonali, kif stabbilit fil-punt (b)(i) tal-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/778, li huwa pass importanti u f'waqtu fl-interruzzjoni tal-mudell tal-attività tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' migranti, u jilqa' l-adozzjoni tar-Risoluzzjoni 2240 tal-KSNU tad-9 ta' Ottubru. Il-Kunsill jistieden lir-RGħ/VP biex tkompli taħdem sabiex tkun possibbli t-transizzjoni għall-fażijiet suċċessivi tal-operazzjoni.

13. Daqstant ieħor, il-Kunsill jilqa' t-tiŝiħ tal-EUCAP Sahel Niger li permezz tiegħu tibqa' possibbli l-ħidma kruċjali li diġà saret b'appoġġ għall-awtoritajiet Niġerini biex jipprevjenu, jikkontrollaw u jimmaniġġaw il-migrazzjoni irregolari li tgħaddi min-Niġer u b' mod partikolari f' Agadez, flimkien mal-istabbiliment rapidu taċ-ċentru pilota bi skop multiplu u l-appoġġ għall-Gvern tan-Niġer. F'dan il-qafas, jistgħu jiġu esplorati modi kif jissaħħu l-missjonijiet ta' EUCAP Sahel.
14. Il-Kunsill jissottolinja li s-soluzzjoni għall-konflitt Libjan jibqa' kruċjali għal kwalunkwe sforz biex jiġu indirizzati l-flussi migratorji mill-Mediterran ċentrali u jfakkar li l-UE tinsab lesta li tkompli tappoġġa lill-awtoritajiet Libjani biex jindirizzaw il-migrazzjoni irregolari, speċjalment fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.
15. Il-Kunsill jappoġġa lir-RGħ/VP u lill-Kummissjoni fil-ħidma kontinwa tagħhom biex jimplementaw malajr l-aġenda msemmija hawn fuq, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, u jistedinhom biex ikomplu jsaħħu d-dimensjoni esterna tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni, inkluż permezz ta' involviment ma' sħab oħrajn tal-komunità internazzjonali u l-intensifikar tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' transitu.